

# Il-Kodiċi tal-Istatuti tal-Aġenzija

## Żvediża tat-Trasport



L-AĠENZIJA  
ŻVEDIŻA TAT-  
TRASPORT

### Regolamenti li jemendaw ir-regolamenti u l-pariri ġenerali tal- Aġenzija Żvediża tat-Trasport (TSFS 2023:37) dwar vjaġġi b'tagħbijiet twal indiviżibbli;

**TSFS 2024:19**

Ippubblikati fi  
19 ta' April 2024

**TRAFFIKU FIT-TOROQ**

adottati fil-5 ta' April 2024.

Bis-saħħa tal-Kapitolu 4, § 17b tal-Ordinanza dwar it-Traffiku fit-Triq (1998:1276), l-Aġenzija Żvediża tat-Trasport b'dan tippreskrivi<sup>1</sup>, fir-rigward tar-regolamenti u l-pariri ġenerali tal-Aġenzija (TSFS 2023:37) dwar vjaġġi b'tagħbijiet twal indiviżibbli,

li § 12 għandu jiġi fformulat kif stabbilit hawn taħt, u

li l-punt 3 tad-dħul fis-seħħ u d-dispożizzjonijiet tranżitorji għandhom jiġu fformulati kif indikat hawn taħt.

#### § 12 Is-sinjali għandu

1. ikollhom kampi ħomor u bojod li jalternaw f'angolu ta' 45° sa 60° u b'wisa' ta' 7 u 10 ċentimetri;
2. ikollhom kampi tal-istess wisa', bl-eċċezzjoni tal-kampi l-aktar imbiegħda; u
3. ikollhom markatura E f'konformità mar-Regolament ECE 104 jew ir-Regolament ECE 150.

#### Dħul fis-seħħ u dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Dan l-istatut għandu jidhul fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2023.
2. Dan l-istatut iħassar ir-regolamenti tal-Aġenzija Żvediża tat-Trasport (TSFS 2010:142) dwar vjaġġi b'tagħbijiet twal indiviżibbli.
3. Is-sinjali rettangolari (rifletturi) u l-fanali użati biex jimmarkaw tagħbijiet li jisporġu wara l-kombinazzjoni tal-vettura u s-sinjali ta' twissija f'konformità mar-regolamenti l-qodma jistgħu jibqgħu jintużaw sal-31 ta' Lulju 2025.

<sup>1</sup> Ara d-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika.

---

Dan l-istatut għandu jidħol fis-seħħ fl-10 ta' Mejju 2024.

F'isem l-Aġenzija Żvediża tat-Trasport

JONAS BJELFVENSTAM

Kristofer Elo  
(Triq u ferrovija)